# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' l-Erbgha 24 t'Ottubru, 2018**

**Rikors Numru : 883/2017 JPG**
**Kawza Numru : 1**

**Barclays Bank plc**

**Vs**

**Joseph Mary Portelli (ID. 55686(M)), martu Anna Portelli (ID. 371660(M)) u Chrismarmig Company Limited (C 23992)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joseph Mary Portelli (ID. 55686(M)), martu Anna Portelli (ID. 371660(M)) u Chrismarmig Company Limited (C 23992), datat 22 ta' Settembru, 2017, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti gew notifikati bir-rikors ghall-hrug ta' qbid fuq mandar immobbli fl-ismijiet premessi.*

*Illi ghandu jirrizulta anke mill-atti ta' dawn il-proceduri illi l-ittra ufficjali a bazi*

*ta' liema gie ntavolat il-mandat odjern u cioe l-ittra ufficjali datata l-14 ta' Marzu 2017 ghadha mhix notifikata lis-socjeta' Chrismarmig Company Limited. In effetti ghalkemm fl-ittra ufficjali gew indikati zewg indirizzi differenti, u cioe' indirizz ta' Joseph u Anna Portelli u indirizz iehor tal- kumpanija, jirrizulta illi l-ittra ufficjali de quo giet notifikata lil Miguel Portelli fl-indirizz tar-residenza ta' Joseph u Anna Portelli u cioe Penthouse 13, Belvedere Court, Triq it-Trill, Qawra, St.Paul's Bay. Dan ma setghax kien mod iehor ghaliex it-tifel Miguel Portelli li fizikament ha n-notifika ma setghax kien f'zewg postijiet differenti meta saret in-notifika fl-istess gurnata. Qed jigi esebit affidavit ta' Miguel Portelli (Dok A).*

*Illi it-tifel tal-konjugi Portelli, Miguel Portelli, m'ghandu l-ebda konnessjoni mal-kumpanija u dan jirrizulta mill-print out ta' l-estratt mis-sit elettroniku tar-Registru tal-Kumpaniji (Dok B).*

*Illi l-artikolu 187(4) jghid hekk:*

*"(4) Fil-kaz ta' korp li jkollu personalita' guridika distinta, innotifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura:*

*a) Fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A impjegat ta' dak il-korp; jew*
*b) F'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)".*

*Illi kjarament l-indirizz fejn saret in-notifika la hi l-indirizz registrat tal-kumpanija u lanqas f'idejn persuna imsemmija fl-artikoli 181(A).*

*Illi tenut kont illi r-rikors ghall-hrug ta' qbid fuq mandat immobbli fl-ismijiet premessi huwa bbazat fuq allegat kuntratt liema kuntratt mhux ezegwibbli bhala titolu ezekuttiv fin-nuqqas ta' ittra interpellatorja skont l-artikolu 256(2) tal-Kap. 13 allura dawn il-proceduri huma nulli ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Illi in oltre u minghajr pregudizzju, la ma' l-ittra ufficjali imsemmija u lanqas mar-rikors ghall-hrug ta' qbid fuq mandat immobbli fl-ismijiet premessi ma giet ezebita xi prokura li tawtorizza lil Dr. Louis Cassar Pullicino jagixxi f'isem is-socjeta'*

*estera Barclays Bank plc. Fil-fatt, una volta illi fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kien deher Dr. Edward Debono bhala mandatorju specjali tal-bank in kwistjoni x'aktarx li huwa l-Avukat Debono biss li ghandu l-mandat li jagixxi f'isem il-bank esteru.*

*Illi minhabba f'hekk ukoll kemm l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Marzu 2017 u kif ukoll ir-rikors ghall-hrug ta' qbid fuq mandat immobbli fl-ismijiet premessi huma nulli u bla effetti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment lu din l-Onorabbli Qorti jogghobha, a tenur ta' l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara null u bla effett ir-rikors ghall-hrug ta' qbid fuq mandat immobbli fl-ismijiet premessi u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xieraq u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Barclays Bank plc, datat 13 ta' Ottubru, 2017, a fol 19 et seqq, li taqra hekk:

*Illi kif jidher mill-atti ufficcjali, l-esponenti indikaw l-ufficcju registrat tas-socjeta Chrismarmig Conpany Limited ghall-iskopijiet tan-notifika u aktar minn hekk, l-esponenti mhumiex f'qaghda jispjegaw ir-raguni ghaliex in-notifika saret fidejn l-imsemmi Miguel Portelli.*

*Illi ghal dak li jirrigwarda il-kwistjoni dwar il-prokura, certament il-fatt illi ma gietx prodotta l-prokura in kwsitjoni ma twassalx ghan-nullita tal-att in kwisjtoni. F'kull kaz u ghal kull buon fini qed tigi esebita kopja tal-prokura vigenti fiz-zmien li gew intavolati l-atti relattivi kif ukoll prokura ohra li hija in vigore fil-prezent.*

Rat il-verbal ta' tas-26 ta' April, 2018, fejn l-avukati difensuri nformaw lill-Qorti li fil-mori tad-differiment kien sar pagament ta' Ewro 200,000 u li kiena baqa' bilanc ta' cirka Ewro 600,000. (Vide fol 68)

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

L-intimati qed jitolbu sabiex din is-subbasta tigi sospiza ghaliex, skont huma, in-notifika ta' Chrismarmig Company Limited m'hijiex valida, peress li la saret fl-indirizz registrat tal-kumpanija, u lanqas ma thalliet f'idejn wiehed mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 181A jew f'idejn impjegat tal-kumpanija. L-intimati ghalhekk jikkontendu illi meta gie intavolat il-mandat ta' qbid ta' mmobbli esekuttiv, is-socjeta rikorrenti ma kellhiex titolu esekuttiv kontra s-socjeta Chrismarmig Company Limited. Jghidu wkoll illi ma kienet giet esebita ebda prokura tal-Avukat Louis Cassar Pullicino sabiex jagixxi f'isem is-socjeta rikorrenti, u li huwa probabbli illi filfatt l-Avukat Cassar Pullicino ma kellux tali prokura.

Is-socjeta rikorrenti qablet illi n-notifika tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2017 m'hijiex valida, u filfatt regat harget notifika tal-istess ittra ufficjali mill-gdid. Skont is-socjeta rikorrenti, in vista tal-principju ta' *jus superveniens* is-subbasta tista' tkompli galadarba l-irregolarita ilmentata mill-intimati giet sanata. Minn naha taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-irregolarita in kwistjoni ma tista' qatt tigi ssanata, peress illi tfisser illi s-socjeta rikorrenti ma kellhiex titolu esekuttiv kontra Chrismarmig Company Limited meta bdiet il-procedura ta' subbasta, u ghalhekk il-procedura kollha hija nulla.

Fir-rigward tal-kawzali relatat mal-prokura tal-Avukat Cassar Pullicino, jirrizulta illi filfatt l-istess avukat kellu l-prokura necessarja sabiex jirrapprezenta lis-socjeta rikorrenti, kif jidher mid-dokumenti esebiti a fol 20 *et seqq*. Ghalhekk dan l-argument huwa nfondat.

Il-Qorti rat illi notifika ohra tal-ittra ufficjali permezz ta' liema s-socjeta rikorrenti kienet qed tirrendi l-kostituzzjoni ta' debitu titolu esekuttiv filfatt inharget mis-socjeta rikorrenti, versu l-intimati kollha. In-notifika saret fis-26 ta' Novembru 2017 kif jidher mir-riferti a fol 33.

Illi l-Qrati tagħna matul is-snin kellhom okkażjoni jiddikjaraw applikabbli t-teorija tal-jus superveniens. Dan isehh meta, mingħajr ma titbiddel id-domanda sew għall-oggett jew għall-kawża, għalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument tac-citazzjoni, id-dritt minnu mitlub jigi fis-seħħ fil-mori tal-gudizzju. Il-gurisprudenza in bażi ta' din id-duttrina, dejjem accettat li minflok issir kawża oħra, dak id-dritt li jkun mitlub fic-citazzjoni u

li gie in eżistenza jew fl-eżercizzju tiegħu waqt il-kawża, jista' jkun deciż f'dik l-istess kawża.[1]

Il-Qorti tal-Appell kienet irrilevat illi:-

> ***"Huwa veru li bħala norma d-dritt u l-interess tal-attur u l-kapacita' tiegħu li jagħmel il-kawża għandhom ikunu jeżistu filwaqt li huwa jistitwixxi l-procediment; imma l-Qrati tagħna bl-iskop li jevitaw molteplicita' ta' kawżi u spejjeż inutili rrikonoxxew u applikaw id-duttrina tal-jus superveniens quod firmat actionem vel exceptionem, anke meta xi drabi d-dritt jissopravjeni jew ostakolu procedurali jitneħħa, waqt li l-kawża tkun gia fil-grad ta' appell."***[2]

Fil-kawża riportata fil-Volum XXXIII-i- 254 intqal illi:

> **"*jus superveniens firmat actionem et exceptionem u għalhekk jekk waqt il-kawża jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel kienet difettuża tigi msaħħa. Il-fondament ta' dan huwa preċiżament l-ekonomija tal-gudizzju u tal-ispejjes.*"**[3]

Ghalhekk huwa car li l-argument tas-socjeta rikorrenti rigward l-applikazzjoni tal-principju ta' *jus superveniens* huwa wiehed fondat, u n-notifika korretta fil-mori ta' dawn il-proceduri jkollha l-effett li tissana d-difett li kien hemm originarjament sabiex is-subbasta tkun tista' tkompli.

Illi pero l-Qorti rat illi ghat-tieni darba, n-notifika regghat saret hazin. Mir-riferti jidher illi l-marixall halla tlett kopji ma' certu Gozwe Portelli (deskritt bhala "*it-tifel*") fis-26 ta' Ottubru 2017 fil-hdax ta' filghodu f'San Pawl il-Bahar. Il-Qorti tirrileva illi huwa mpossibli illi Gozwe Portelli u l-marixxal kienu f'zewg postijiet differenti fl-istess hin. Mid-dokument a fol 5 *et seqq* ma jirrizultax illi Gozwe Portelli huwa persuna nvoluta fil-kumpanija. Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu li n-notifika regghat inharget, ma jidhirx illi d-difett in kwistjoni gie sanat.

---

[1]**Carmelo Farrugia vs Michael Camenzuli et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni numru 570/2009) deciza 28 ta' Frar 2011.
[2]**George Zahra vs Carmelo Chircop**, Qorti tal-Appell Civili deciza 8 ta' Frar 1960.
[3]Citata fis-sentenza **Carmelo Farrugia vs Michael Camenzuli et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni numru 570/2009) deciza 28 ta' Frar 2011.

Il-Qorti tifhem pero illi dan m'huwiex tort ta' xi nuqqas minn naha tas-socjeta rikorrenti, illi kjarament indikat zewg indirizzi separati ghal konjugi Portelli u Chrismarmig Company Limited. Huwa l-marixxal li ghal xi raguni, rega ghamel l-istess zball u ma hax kopja tal-ittra ufficjali fl-indirizz irregistrat ta' Chrismarmig, jew almenu ra li kien qed ihalli kopja ma' persuni li tista' tircievi notifika ghan-nom tal-kumpanija. Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jkunx gust illi l-Qorti tiddikjara n-nullita ta' dawn il-proceduri ikkonsidrat illi d-difett ravvizat huwa imputabbli lil impjegat tal-Qorti stess, u mhux lis-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi jkun gust u ghaqli illi s-socjeta rikorrenti terga tinghata c-cans li tinnotifika lil Chrismarmig Company Limited bl-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2017. L-ebda hlas m'ghandu jkun dovut mis-socjeta rikorrenti ghal dan il-ghan.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-talba tal-intimati, tordna li n-notifika tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2017 lil Chrismarmig Company Limited issir bla hlas mis-socjeta rikorrenti, u tissolecita lil Marixall sabiex jara illi din id-darba in-notifika ssir fl-indirizz ta' Chrismarmig Company Limited indikat fl-istess ittra ufficjali.**

**In vista ta' dak li nghad hawn fuq, l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**